V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9065 — Akastor/Mitsui & Co/Mitsui O.S.K. Lines/AKOFS Offshore)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 297/06)

1. Fis-16 ta' Awwissu 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Akastor AS ("Akastor", in-Norveġja), ikkontrollata minn Aker ASA ("Aker") u finalment ikkontrollata minn The Resource Group TRG AS;

— Mitsui & Co. Ltd ("Mitsui", il-Ġappun);

— Mitsui O.S.K. Lines Ltd ("MOL", il-Ġappun);

— AKOFS Offshore 1 AS ("AKOFS", in-Norveġja).

Akastor, Mitsui u MOL jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' AKOFS kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Akastor hija kumpanija pubblika limitata ta' investiment Norveġiża b'portafoll ta' kumpaniji prinċiplament fis-settur tas-servizzi tal-bjar taż-żejt;

— Mitsui hija grupp ta' kumpaniji kummerċjali Ġappuniżi involuti f'firxa ta' attivitajiet kummerċjali inkluż kummerċ dinji ta' diversi prodotti bażiċi, servizzi finanzjarji, u ġestjoni ta' proġetti u kumpaniji, *inter alia* fl-industrija offshore taż-żejt u l-gass;

— MOL hija grupp tat-trasport multimodali Ġappuniż li jispeċjalizza f'numru ta' kategoriji ta' tbaħħir fl-oċeani madwar id-dinja u swieq relatati;

— AKOFS tipprovdi servizzi ta' stallazzjonijiet u kostruzzjonijiet ibbażati fuq il-bastimenti u servizzi ta' interventi fil-bjar għall-iżvilupp ta' bjar taż-żejt u l-gass taħt il-baħar.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.9065 — Akastor/Mitsui & Co/Mitsui O.S.K. Lines/AKOFS Offshore

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË